# Madwar 4,000 impjegat sa Frar kienu persuni b'diżabilità

**Il-gazzetta ILLUM tagħti ħarsa lejn n-numru ta' persuni b'diżabilità fid-dinja tax-xogħol u l-infurzar tal-liġi tal-1969 li timponi kwota ta' 2% ta' impjegati b'diżabilità**




Gayle Borg fir-riklam tal-Fondazzjoni Lino Spiteri

MARIANNA CALLEJA

**Sal-aħħar ta' Frar li għadda 4,020 persuna b'diżabilità kienu impjegati f'Malta u Għawdex. 2.4% tal-impjegati fis-settur pubbliku huma persuni b'diżabilità filwaqt li persuni b'diżabilità fis-settur privat jammontaw għal 1.5%. Intant 252 persuna b'diżabilità għadhom qegħdin iffitxu impjieg fuq bażi full-time.**

Dan żvelatu Jobsplus fi tweġibiet lill-gazzetta ILLUM.

Fuq it-televiżjoni dan l-aħħar qed naraw riklam tal-Fondazzjoni Lino Spiteri (FLS) b'kollaborazzjoni ma' The Body Shop. Din il-gazzetta tkellmet ma' FLS u Jobsplus fuq il-ħtieġa ta' dan ir-riklam u x'impatt qed iħalli.

Ir-riklam hu parti minn kampanja ta' għarfien bl-isem ta' VASTE u juri lil Gayle Borg, persuna b'diżabilità waqt il-ħin tax-xogħol f'ħanut tal-kożmetiċi.

VASTE Programme Awareness Campaign

F'kummenti ma' din il-gazzetta, Tania Azzopardi mill-FLS spjegat li din il-kampanja qed tiġi ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea parti mill- 'European Structural and Investment Funds 2014-2020.' L-għan hu li mhux biss iħeġġu persuni b'diżabilità jidħlu fid-dinja tax-xogħol iżda wkoll juru lill-entitajiet privati li l-impjieg ta' persuni b'diżabilità hu possibli.

Matul is-sena li għaddiet madwar 350 kumpanija f'Malta u Għawdex ħadmu mal-FLS. Fil-fatt Azzopardi ddeskriviet dan ir-riklam bħala "wieħed mill-ftit stejjer ta' suċċess." Kompliet tgħid li diversi kumpaniji jaħdmu magħhom biex ifittxu rwoli li jaqblu kemm mal-ħtiġijiet tagħhom kif ukoll mal-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-persuna.

L-istigma madwar l-inklussività ta' persuni b'diżabilità

Skont is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) persuna waħda, ta' 15-il sena jew aktar, minn kull sitta fl-UE tgħix b'xi tip ta' diżabilità. L-UE sostniet diversi drabi li dan jaffettwa konsiderevolment il-kapaċità ta' integrazzjoni soċjali u t-tkabbir ekonomiku tal-UE. Huwa għalhekk importanti li persuni b'diżabilità jintegraw fid-dinja tax-xogħol.

FLS tinnota mal-ILLUM li kien hemm titjib sinifikanti f'dan il-qasam matul is-snin li għaddew.

"Madankollu dan ma jfissirx li ċerti ideat jew stigma dwar id-diżabilità u l-impjieg ġew eliminati kompletament."

Tania Azzopardi stqarret kif sfortunatament l-istigma għadha fattur li jillimita persuni b'diżabilità meta joħorġu jaħdmu.

Din hija r-raġuni għaliex il-fondazzjoni tirsisti biex tipprovdi taħriġ u appoġġ adegwat kull meta dan ikun meħtieġ.

'Leġiżlazzjoni u l-bidla soċjali spiss jimxu id f'id'

L-implimentazzjoni tal-kwota tal-impjieg ta' 2% wasslet biex numru ogħla ta' persuni b'diżabilità jiġu impjegati f'dawn l-aħħar snin.

Dan ifisser li numru ferm ogħla ta' nies fis-soċjetà issa għandhom kollega jew huma familjari ma' persuna b'diżabilità. Azzopardi qalet li huma qed jittamaw li dan kollu se jiffaċilità l-inklużjoni għax iwassal għar-realizzazzjoni li d-diżabilità ta' persuna mhix l-identità kollha tagħha.

Madankollu temmet tgħid li "rridu nibqgħu nħeġġu kumpaniji privati biex jimpjegaw persuni b'diżabilità, kif ukoll niżguraw li persuni b'diżabilità huma konxji mill-appoġġ disponibbli."

*(ara ukoll paġna 15)*

## X'tgħid il-leġiżlazzjoni?

Fl-aħħar tas-60ijiet, kienet għaddiet liġi li tgħid li kumpaniji li jimpjegaw aktar minn 20 persuna għandhom jkollhom mill-inqas 2% tal-impjegati tagħhom li jkunu persuni b'diżabilità. Iżda din il-liġi ma kinetx infurzata għal diversi snin bejn minħabba l-istigma marbuta ma' persuni b'diżabbiltà u bejn għax il-mod kif hi fformulata taf toħloq xi konfużjoni.

Intant fl-2015, il-Gvern ħabbar sensiela ta' miżuri mmirati biex iżidu l-impjiegi fost persuni b'diżabilità. Fosthom ġew imħabbra diversi multi għal min ma jsegwiex il-liġi tas-60ijiet. Il-multi ġew użati biex titwaqqaf u tiġi amministrata l-FLS stess.

L-Assoċazzjoni ta' min iħaddem (MEA) f'rapport kienet innutat kif bosta impjegaturi kienu qed joħorġu minn dan l-obbligu billi jfakkru li 2% ta' 20 ma jammontawx għal impjegat wieħed. Fi ftit kliem, jekk il-minimu ta' impjegat wieħed jrid jiġi impost fuq kumpanija li timpjega 20 persuna, allura l-perċentwal tal-impjegati b'diżabilità ikun 5%, mhux 2%.



## Il-Fondazzjoni Lino Spiteri

Il-Fondazzjoni ġiet imwaqfa fl-2015 sabiex jenforzaw numru ta' miżuri li ħarġu fil-Baġit nazzjonali, tal-Fondazzjoni Lino Spiteri (FLS) taħdem biex kumpaniji kemm privati u anke pubbliċi jimpjegaw persuni b'diżabbiltà. FLS taħdem ukoll id f'id ma' Jobs Plus biex tħarreġ u tgħin persuni b'diżabilità jsibu impjieg.

# 'Tħossok grat meta tara kemm inbidlet Gayle fil-kunfidenza u fl-iżvilupp'

## X'qed isibu diffiċli min iħaddem meta jimpjegaw nies b'diżabilità? Il-gazzetta ILLUM tistaqsi lil Clint Caruana dwar Gayle Borg

MARIANNA CALLEJA

**Faċli tgħid li hemm kwota li trid tilħaq (ara paġna 14) iżda tajjeb li nifhmu x'diffikultajiet jiltaqgħu magħhom l-impjegaturi meta jimpjegaw persuni b'diżabilità.**

Fuq dan ir-rigward, il-gazzetta ILLUM tkellmet ma' wieħed mill-maniġers ta' The Body Shop, Clint Caruana.

### L-isfidi li jiltaqa' magħhom l-impjegatur

Din il-kumpanija li fil-preżent għandha seba' ħwienet madwar Malta, tħaddem persuna waħda b'diżabiltà, Gayle Borg.

Clint Caruana spjega li normalment ma' kull ħanut ikun hemm żewġ impjegati u għalhekk il-kumpanija ħassew li persuna waħda għalissa tajjeb.

Clint Caruana jispjega li għal bidu hi kienet qed tħossha ftit diffiċli imma maż-żmien qabdet sew u issa saret tidħol għax-xogħol bla ebda diffikultà.

Borg issa ilha impjegata ma' din il-kumpanija, għal tlett snin u nofs.

### 'Li timpjega persuna b'diżabilità hi xi ħaġa ferm sodisfaċenti'

Caruana ammetta li meta kumpanija tħaddem persuni b'diżabilità ma tistax dejjem u f'kull ħin tistenna l-ogħla livell ta' produzzjoni.

Madankollu hu kompla jgħid, li meta timpjega persuna b'diżabilità "tħoss sodisfazzjon kbir."

Fil-każ ta' Gayle Borg, hu fisser li xi drabi tidħol ukoll 'Job Coach' biex takkumpanjaha imma meta wieħed jinnota kemm inbidlet mill-ewwel darba li daħlet mill-bieb tal-ħanut, kemm f'kunfidenza u anke żvilupp personali, "tħossok assolutament grat."

Hu qal ukoll li l-kontribut tagħha lejn il-kumpanja hu apprezzat u għalhekk heġġeġ kumpaniji oħra biex jagħmlu l-istess.

### Ir-riklam b'kollaborazzjoni ma' FLS

Rigward ir-riklam (ara paġna 14), il-maniġer spjega li kienet il-Fondazzjoni Lino Spiteri (FLS) stess li avviċinawhom biex isir iżda qatt ma stennew li se jintlaqa' daqsekk tajjeb. Tant kien ta' suċċess li fil-ftit jiem li kien ilu ppublikat fuq il-midja soċjali, kienu diġà rawh iktar minn 5,000 persuna.

Fir-riklam il-kumpanija tispjega li xi snin ilu avviċinaw lill-FLS biex jimpjegaw persuna b'diżabilità. Ir-riklam jassigura kumpaniji oħra li huma mħajjra li jimpjegaw persuni b'diżabilità li huma se jsibu gwida u għajnuna grazzi għall-programm VASTE. Ir-riklam juri lil Gayle Borg waqt ġurnata xogħol, taħdem flimkien ma' kollega tagħha, timla l-ixkaffef u taqdi l-klijenti.

Fis-settur privat, persuni b'diżabilità jammontaw għal 1.5%. Dan il-persentaġġ jinkludi l-ħaddiema impjegati mal-kumpaniji kollha li jaqgħu taħt l-att tal-1969.

Mhux kull kumpanija tkun tista' timpjega ħaddiema b'diżabilità, dan għaliex kollox jiddependi fuq in-natura tax-xogħol u l-kapaċità tal-persuna.

### L-Unjoni Ewropea x'tgħid?

Il-Parlament Ewropew jirrikonoxxi li kien hemm żieda konsiderevoli fir-rati tal-impjieg ta' persuni b'diżabilità.

Fil-Fatt iż-żieda fir-rati tapplika wkoll f'Malta fejn ġew impjegati iktar minn 4,000 persuna b'diżabilità sa' Frar, b'69.8% minnhom irġiel.

Dan kollu ma jfissirx l-problema ssolviet kompletament. F'rapport mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) ġie rrimarkat li persuni b'diżabilita baqgħu fost l-iktar gruppi żvantaġġjati fid-dinja tax-xogħol.

Din hi r-raġuni għaliex matul is-snin, il-Parlament Ewropew, introduċa sensiela ta' liġijiet, inizjattivi, azzjonijiet u anke strateġiji bit-tama li s-sitwazzjoni titjib iktar.

### Artiklu 27

Fl-2010, l-UE ffirmat konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità. Dan hu trattat internazzjonali li jorbot id-dritt għax-xogħol u l-impjieg bħala dritt fundamentali (artiklu 27).

L-għan hu sempliċi: li tingħata opportunità lin-nies b'diżabilità biex jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom, li jipparteċipaw fis-soċjetà filwaqt li jgawdu minn aċċess ugwali għall-impjieg bħal kulħadd.



Gayle Borg - persuna b'diżabilità li taħdem ma' The body Shop

### L-istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020

Il-prinċipji li jemmnu fihom l-UE, ġew imnaqxa wkoll fl-istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020. Il-miżuri li kienu introdotti lura fl-2017 kienu mqassma fuq diversi livelli. Eżempju minn ftit, l-UE rabtet l-impjegaturi biex jieħdu ħsieb adattamenti xierqa fuq il-post tax-xogħol għall-aktar aċċesibiltà lil persuni b'diżabilità. L-impjegatur għandhu jkun ċert ukoll li qed jipprovdi l-bżonnijiet kollha tal-ħaddiema b'diżabilità bħal adattament ta' bibien, passaġġi, turġien, tiolets u iktar.

### L-istrateġija għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità 2021-2030

Fl-2020, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew (EMPL) ressaq mozzjoni quddiem il-Kummisarju Ewropew għall-Ugwaljanza Helena Dalli bl-għan li tħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħfas iktar fuq id-dritt ta' persuni b'diżabilità. F'Marzu ta' din is-sena, reġgħat ġiet imressqa l-istrateġija li tirrifletti d-diversità tal-persuni b'diżabilità kif ukoll tintegra d-drittijiet tat-tfal b'diżabilità. L-istrateġija għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità 2021-2030 jimxi fuq l-istess prinċipji ta' qabilha iżda b'iktar infurzar.



Clint Caruana - wieħed mill-maniġers ta' The Body Shop